Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 252/2015

Il-Pulizja

Spettur Sarah Magri

Vs

Richmond Tong

Illum, 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Richmond Tong detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 419684 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Talli fit-28 ta' Lulju 2013 għal ħabta tal-għaxra u nofs u ħamsa ta' bil-lejl (22:35hrs) fi Triq San Kataldu, Rabat, Malta u anke fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat li tinsab fi Triq Santa Rita, Rabat, Malta:

1. Volontarjament kiser l-ordni u l-paċi pubblika b' għajjat, storbju jew;
2. Hedded, inġurja jew għamel offiża fuq PC 783 B. Bonello persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz;
3. Ħebb u kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Terence Sant hekk kif iċċertifikat Dr Daphne Gatt Reġ. No: 5453 mill-Poliklinika tal-Mosta;

4. U aktar talli hedded, inġurja, insulenta jew jekk ipprovoka lil Nadesh Vassallo, Maxine Sant, Charmaine Azzopardi, Karmenu Falzon, Christopher Cortis u Paul Azzopardi b' mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxen u indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa u deċenza pubblika;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f' post pubbliku jew miftuħ għal pubbliku kien fi stat ta' sacra li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.
7. U aktar talli sar riċediv skond sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta Maġt. Dr S. Demicoli LL.D datata 9 ta' April, 2010 ai termini ta' l-Artikolu 50 ta' Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f' każ ta' ħtija tapplika l-Artikoli 383 u 412 C tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal ħarsien ta' Terence Sant, Nadesh Vassallo, Maxine Sant, Charmaine Azzopardi, Karmenu Falzon Christopher Cortis u Paul Azzopardi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-12 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet sabet lill-imputat Richmond Tong ħati tal-akkużi u kkundannatu sitt xhur priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Richmond Tong, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih; jew alternittivament u sussidjarjament; fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija, (kif imposta, jew li tikkonferma l-ħtija ta' xi wħud mill-imputazzjonijiet), li tvarja l-piena inflitta billi tinfliġġi piena aktar miti, ġusta u ekwa għall-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

A. Rinunza tal-azzjoni penali in kwantu t-tielet imputazzjoni

Illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu2014, Terence Sant bil-ġurament tiegħu kkonferma kif huwa ma kellux interess li l-proċeduri kontra l-esponenti kellhom jitkomplew. Illi din it-tielet imputazzjoni hija bbażata a tenur tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi kriminali. Fid-dawl ta' dak li jiddisponi s-sub-inċiż (4)tal-istess artikolu, a bażi tad-dikjarazzjoni tal-istess Terence Sant, l-esponenti qatt ma seta' jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni u dana stante li l-esponenti u terence Sant ma jaqgħux fil-kategorija ta' persuni misjuba fl-artikolu 222(1) (a) u (b) tal-Kodiċi Kriminal. Dan il-punt huwa kruċjali stante li mill-provi jemerġi (l-affidavit ta' PC 783) li l-persuna li setgħet weġġgħet lil Terence Sant ma kienx l-esponenti, iżda semmai Brian Micallef!

B. Nuqqas ta' provi legalmet validi ai fini tat-tieni imputazzjoni

Jemerġi mill-qari tal-affidavit ta' PC 783, li l-esponenti fil-mument li skond dan il-Pulizija kien qiegħed jidgħi, ma kienx qiegħed joffendi lilu iżda semmai lill-aggressur tiegħu. Jidher ukoll li dan il-Pulizija, effettivament għamel xogħlu u żamm lil Richmond Tong. Tant huwa hekk li l-esponenti lanqas bissġie mixli b' resistenza għall-arrest.

Jemerġi wkoll li l-unika 'prova' li qatt forsi kien hemm li l-esponenti għamel xi 'dannu' lil PC 783 a tenur tal-artikolu 95 ta;-Kodiċi Kriminali, huwa tenut kont tal-kliem li allegatament intqal mill-esponenti fil-konfront tiegħu. Per' l-unika prova li nġabet f' dan l-isfond kien l-affidavit ta' PC 783 u PC 1546 fejn qiegħed jagħmel riferenza għal dak li ntqal lilu minn PC 1315. PC 1315 qatt ma nġab bħala xhud fil-proċeduri odjerni! Għaldaqstant dak kollu li suppost intqal minn PC 1315 lil PC 783 jaqa' fir-relm tal-hearsay evidence rule u kwindi mhux ammissibli bħala prova.

Di piu' *dato ma non concesso* li hemm xi provi validi fis-sens illi l-esponenti hedded lil PC 783, tali theddid ma sarx fil-konfront ta' PC 783 waqt il-qadi ta' dmirijietu jew minħabba li għamel ix-xogħol tiegħu u żammu. Li kieku l-esponenti offenda lil PC 783 talli arrestah, għalfejn l-esponenti ma offendiex ukoll lil PC 1546 u lil WPS 145 li kienu huma wkoll involuti fl-arrest tal-esponenti? L-importanza ta' din id-domanda toħroġ mil-fatt li fl-ebda ħin l-esponenti ma mqar ttanta li jallega xi *manhandling* da parti ta' dan il-Pulizija.

C. Il-linji difensjonali u l-apprezzament tal-provi

Hija l-umli fehma tal-esponenti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi, u dana stante li x' aktarx il-fedina penal ital-esponenti setgħet mejlet il-miżien tal-ġustizzja kontra tiegħu. Fl-ilsien Malti jeżisti l-qawl, 'ħu l-fama u mur orqod'. Pero' dan huwa qawl Malti li ma jista' jsib qatt ruħu mħaddem fi proċeduri penali, propju għaliex jikser il-prinċipju fundamentali tal-preżunżjoni tal-innoċenza.

Fil-każ odjern, tenut kont tat-trapass ta' żmien bejn seduta u oħra, fejn allura t-testimonjanzi kollha ma nstemgħux wieħed wara l-ieħor (minkejja li dawn kienu proċeduri sommarji), ma għenx sabiex il-ġudikant ikollha stampa sħiħa u reali tad-differenzi bejn xhud u ieħor. Sfortunatament transcripts tad-depożiżżjonijiet ma hemmx lanqas u kwindi din il-problema kibret aktar ghad-dannu tal-esponenti.

Minn qari tas-sentenza appellate jidher ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tgħarraf li a favor tal-esponenti jimmilitaw il-linji difensjonali li jemerġu mill-artikoli 230 (a), 230 (b) u 230 (c), ilkoll tal-Kodiċi Kriminali u dana in kwantu tal-imputazzjonijiet numru 2 u 3.

F'dan l-isfond wieħed jrid jifhem u japprezza li:

- Huwa minnu li l-esponenti ma indirizzax lil Nadesh Vassallo bi kliem xieraq.
- Huwa minnu wkoll li l-esponenti ġie ferut ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

- Huwa minnu wkoll li lil Christopher Cortis ma qallu xejn stante li huwa kien mingħalih li kien Paul Azzopardi li kien weġġħu!
- Huwa minnu wkoll li lil Maxine Sant u Charmaine Azzopardi l-esponenti ma indirizzhom qatt ħażin stante li huwa indirizza biss lil Nadesh Vassallo u lil Paul Azzopardi.
- Pero' huwa minnu wkoll li l-esponenti fil-mument ta' dan kollu kien għadu taħt dagħdiha tad-demm stante l-aggressjoni inġusta u mhux provokata li huwa ġarrab.

Huwa f'dan l-isfod li l-provi kellhom jiġu apprezzati.

Difett ieħor fl-apprezzament tal-provi jemerġi mill-fatt li min qari tal-affidavit ta' PC783 jemerġi li l-persuna li setgħet weġġgħet lil Terence Sant ma kienx l-esponenti iżda semmai Brian Micallef.

D. Il-Piena

Illi mingħajr preġudizzju għas-suppost, għalkemm il-piena inflitta hija waħda fil-parametri tal-liġi, fl-umli fehma tal-esponenti, fiċ-ċirkostanzi attwali tal-każ, kif ukoll fid-dawl tal-prinċipju ta' pieni retorattivi, l-esponent jitlob sabiex il-piena fuqu inflitta tkun waħda aktar miti u ġusta għall-każ odjern.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq diversi aggravvji fl-appell minnu intentat li din il-Qorti ser titratta serjatim. Jinghad biss illi l-provi regghu instemghu mill-gdid f'dan l-istadju ta' revizjoni u kwindi din il-Qorti hija f'posizzjoni li taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-provi li instemghu u dan fid-dawl tal-lanjanzi ventilati.

Illi l-isfond ta' dan il-kaz huwa glieda li inqalghet bejn diversi nies, glieda li giet istigata mill-appellanti u siehbu Brian Micallef li qalu xi diskors fil-

konfront ta' xi tfajliet li kienu prezenti. Gara izda li s-sieheb ta' wahda mina dawn it-tfajliet bl-isem ta' Charmaine u cioe' certu Carmel maghruf bhala Carl Falzon intervjena u ta daqqa ta' banketta lill-appellanti fejn ikkagunalu ferita f'rasu. Wara dan l-appellanti stess ighid li tilef kull sens ta' raguni u spicca involut fi glieda ma' dan Falzon fejn diversi nies li kienu prezenti ippruvaw iferrquhom u spiccaw ukoll involuti f'din it-taqtiegha li fiha jidher li spicca involut ukoll siehbu Brian Micallef. Illi l-pulizija intervjenew u kellu jigi amministrat l-*pepper spray* sabiex titrazzan din it-taqtiegha bejn diversi nies. L-appellanti gie arrestat u mehud l-ghassa tal-pulizija fejn baqa' bl-attitudni tieghu aggressiva u vjolenti, tant illi fost hafna ghajjat storbju u kliem hazin anke hedded lill-kuntistabbli 783 li kien ser jahbat ghalih b'mus. Fuq dan l-incident tressqu l-appellanti u Carmel Falzon b'akkuzi diversi. Jirrizulta illi fil-mori ta' dan l-appell l-proceduri kontra dan Falzon intemmu bl-ammissjoni tieghu ghar-reat tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Tong.

Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna t-tielet imputazzjoni fejn l-appellanti gie akkuzat li hebb ghal u ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Terence Sant. L-appellanti jikkontendi illi l-parti leza quddiem l-Ewwel Qorti kien irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-appellanti u kwindi l-Ewwel Qorti fid-dawl ta' tali rinunzja ma setatx issib htija fl-appellanti. Illi ghalkemm mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2014, tali rinunzja ma gietx registrata, madanakollu jidher illi l-kwerelant kien irrinunzja ghal azzjoni penali fil-kors tax-xhieda tieghu li ma gietx traskritta quddiem l-Ewwel Qorti. Dan il-fatt huwa ikkonfermat bil-gurament minn Terence Sant stess fil-kors tax-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Mejju 2016. Dan ifisser allura illi fid-dawl ta' tali rinunzja, billi kemm l-akkuza kontravvenzjonali dwar it-theddid kif ukoll l-akkuza dwar l-offiza ta' natura hafifa jistghu jitmexxew 'il quddiem biss bil-kwerela tal-parti offiza, l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u ma setatx issib htija. Ma' dan fil-fatt l-Avukat Generali jikkonkorri.

L-appellanti jilmenta ukoll illi ma kienx hemm bizzejjed provi skont il-ligi sabiex jissussisti r-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni u cioe' dak tal-oltragg ghall-ufficjal pubbliku. Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan it-theddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jisussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-*nexus* bejniethom kif inghad.

Issa l-unici provi li hemm fl-atti in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni huma l-affidavits taz-zewg ufficjali tal-pulizija WPS145 Graziella Camilleri u PC1546 Francis Gauci billi l-ufficjal tal-pulizija oltraggat. u cioe' il-PC783 Brian Bonello, ma kienx prezenti meta gewwa l-ghassa tal-pulizija l-appellanti hedded li ried jaghtih daqqa ta' mus. Dan il-kliem intqal fost hafna dagha u theddid fil-konfront tal-pulizija mill-appellanti li dak il-hin kien irrabbjat u aggressiv. Illi l-appellanti stess ma jichadx li qal dan id-diskors tant illi meta kien qed jigi interrogat mill-ispettur Geoffrey Azzopardi l-ghada fil-ghodu, u allura meta kien Icalma, huwa skuza ruhu mal-pulizija ghall-attitudni tieghu. Kwindi din il-Qorti ma tistax taqbel ma dak sottomess mill-appellanti illi dan id-diskors ma kienx dirett lejn il-pulizija billi inghad car u tond minnu filwaqt li kien qieghed gewwa l-ghassa tal-pulizija tant illi anke semma lill-kuntistabbli b'ismu u dan fil-presenza tald-WPS 145 li ikkonfermat li sar dan id-diskors fil-presenza taghha. Illi ghalhekk l-appellanti ma ghandux ragun f'dan l-aggravvju minnu intentat u qed jigi rigettat.

Illi fl-ahhar ilment dirett lejn id-decizjoni impunjata l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u ma qiestix il-linja difensjonali imqanqla minnu u li jemergu mill-artikolu 230(a), 230(b) u 230(c) tal-Kodici Kriminali. Issa dan l-aggravvju dwar l-apprezzament tal-provi jista' jkun dirett biss lejn r-raba' imputazzjoni kontravvenzjonali li titkellem dwar it-theddid u l-ingurja fil-konfront ta' Nadesh Vassallo, Maxine Sant, Charmaine Azzopardi, Karmenu Falzon, Christopher Cortis u Paul Azzopardi. Dan ghaliex l-akkuza numru tlieta, kif inghad giet rinunzjata, l-akkuza numru erba' sehhet interament gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u l-akkuzi l-ohra kontravvenzjonali u ta' ordni pubblika jikkoncernaw l-ksur tal-paci pubblika, id-dagha u il-kliem oxxen li allegatament intqal mill-appellanti u fl-ahharnett li huwa kien fi stat ta' sokor. Kwindi din il-qorti ma tistax tara kif f'dawn ic-cirkostanzi japplikaw id-difizi li jitkellem dwarhom il-Kodici Kriminali fl-artikolu 230 tieghu.

Illi kif diga inghad jidher illi l-argument inqala' minn diskors li qal l-appellanti u siehbu dirett lejn xi tfajliet li kienu prezenti dak in-nhar gewwa l-bar bl-isem ta' Beer Belly fir-Rabat. Minn hawn is-sitwazzjoni skalat, intervjenew nies ohra u l-appellanti spicca gie fl-idejn fejn anke sofra griehi li setghu kellhom konsegwenzi gravi. Illi din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid u huwa indubitat illi l-appellanti huwa hati tal-akkuza kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika meta involva ruhu fi glieda fi triq pubblika kif ukoll illi qal kliem oxxen konsistenti f'dagha anke meta kien prezenti gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat. Issa fir-rigward ta'l-istat ta' sokor li allegatament kein jinsab fih l-appellanti, ghalkemm l-argument inqala' gewwa hanut tax-xorb fejn l-appellanti kien jinsab fil-kumpanija ta' shabu, madanakollu ma hemm l-ebda prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tindika illi huwa kien fis-sakra f'tali kundizzjoni tant illi ma setax jiehu hsieb lilu innifsu, u kwindi ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Illi fir-rigward tal-akkuza ta' theddid u ingurja fil-konfront ta' Nadesh Vassallo, Maxine Sant, Charmaine Azzopardi, Karmenu Falzon, Christopher Cortis u Paul Azzopardi din il-Qorti tosserva dan li gej. Illi ibda biex Karmenu Falzon qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u ghalkemm jirrizulta illi dawn it-tnejn minn nies gew fl-idejn tant illi Falzon sahansitra ikkaguna offiza fuq il-persuna ta'l-appellanti, madanakollu ma hemm l-ebda prova in atti li tindika li intqal xi kliem ta' theddid jew ingurja fil-konfront tieghu mill-appellanti  Illi Charmaine Azzopardi, minn naha taghha, tikkontendi illi kien Brian Micallef u cioe' il-habib ta' Tong li beda ighajjarha u joffendieha u li l-appellanti ma qallha l-ebda dikors hlief li staqsieha jekk reditx xi haga u hassbet li kien ser ihebb ghaliha. Cortis ukoll ighid illi l-appellanti mar fuqu u staqsieh jekk riedx ighidlu xi haga u hu wiegbu fin-negattiv, izda ma isemmiex illi dan heddu jew insulentah. Paul Azzopardi ukoll mistoqsi jekk l-appellanti qallux xi kliem ta' theddid jew insulti, iwiegeb fin-negattiv u ighid biss illi meta mar joffrielu "drink", l-appellanti wiegbu li ma irid xejn

minn ghandu. Minn naha taghhom Maxine Sant u Nadesh Vassallo donnhom kellhom *lapsus* fil-memorja meta xehdu quddiem din il-Qorti, ghaliex ghalkemm ighidu li Tong qalilhom xi diskors, madanakollu jibqghu jinsistu anke wara li sarulhom diversi mistoqsijiet kemm mill-Avukat Generali kif ukoll mill-Qorti stess, illi ma jiftakrux dak li kien qalilhom l-appellanti u lanqas setghu jifhmuh sew minhabba il-konfuzjoni u storbju li kien hemm. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali ghalhekk il-Qorti lanqas tista' issib htija ghal dina l-imputazzjoni.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet jifdal biex tigi trattata l-ahhar lanjanza marbuta mal-piena inflitta ta' sitt xhur prigunerija. Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti trid necessarjament tigi varjata sabiex jigi rifless dak hawn fuq deciz u cioe' illi l-appellanti qed jigi illiberat mir-raba u is-sitt imputazzjonijiet kif ukoll mhux ser tittiehed konjizzjoni tat-tielet akkuza stante rinunzja tal-parti leza. Jifdal ghalhekk l-akkuzi dwar ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 u l-akkuzi l-ohra ta' natura kontravvenzjonali. Illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, qabel l-emendi introdotti bl-Att V tal-2014, kien igorr il-piena marbut mar-reat tal-oltragg jew offiza mizjuda bi grad wiehed. Issa f'dan il-kaz ma kienx hemm offiza fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku izda biss kliem ta' theddid u kwindi ghandha tinghata l-piena li imissha tinghata ghal kontravvenzjoni marbuta mat-theddid mizjuda bi grad. Illi di piu' l-appellanti ghandu jitqies illi huwa recidiv u allura dik il-piena trid necessarjment terga tizdied bi grad iehor. F'dan il-kaz allura b'applikazzjoni ta'l-artikolu 31(g) u (f) tal-Kapitolu 9 il-piena ghandha tkun dik tal-prigunerija ghal perijodu li ma jeccediex it-tlett xhur. Maghdud dan madanakollu, ghalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, l-appellanti huwa recidiv b'reati simili ghal dawk odjerni, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-appellanti skuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija ghal dan l-akkadut u kien hemm anke rinunzja mill-parti leza ghal uhud mill-akkuzi, filwaqt li ohrajn ma irrizultawx ippruvati. Illi ghalhekk billi l-appellanti ghandu bzonn gwida f'hajjtu biex irazzan l-imgieba tieghu ta' rabbja, il-Qorti hija tal-fehma illi sentenza ta' inkarcerazzjoni ghal perijodu qasir ma hijiex

ser twassal sabiex issolvi l-problema li ghandu u ghalhekk l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-hrug ta' Ordni ta' Probation hija iktar indikata f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell *in parte*, tghaddi biex tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hati ta'l-ewwel, it-tieni, il-hames u is-seba akkuza, tghaddi biex thassarha fejn din sabet htija ghat-tielet, ir-raba u is-sitt imputazzjoni u tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u tilliberah mill-kumplament. Tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' Probation jew jekk ma joqghodx ghall-Ordni imposta fuqu illum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur